**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 137 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Norman Vella**

Illum 16 ta' Ottubru, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Norman Vella detentur tal-karta tal-identità numru 15190G, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta' Marzu, 2019 ghall-habta ta' 09:30 hrs fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, waqt li kien qieghed jaghmel uzu minn motorcycle Reg. No.: JBI-294 Suzuki GSX:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
2. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura Reg. No.: DUB-100 Fiat ghad-dannu ta' Alfred Borg I.D. : 23656(G).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena stabbilita bil-ligi timponi wkoll lill-imputat milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li l-Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Lulju 2020, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fir-rigward ta' sewqan traskurat biss, u kkundannatu multa ta' mitejn ewro (€200.00).

In oltre, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati, sabet lill-imputat Norman Vella hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Il-Qorti wisset lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' libertà kundizzjonata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Norman Vella, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Awwissu 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha thassar u tirrevoka d-decizjoni appellata, fis-sens illi tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Norman Vella huma s-segwenti u cioè:-

Rat l-aggravju tal-appellant huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti primarjament rigward l-apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Onorabbli Qorti, partikolarment ir-rapport tal-espert nominat mill-istess Qorti u l-konkluzjonijiet relattivi.

Illi jirrizulta evidentement car illi s-sewwieq tal-vettura Fiat certu Alfred Borg, hareg minn fuq Stop Sign minghajr ma waqaf hekk kif kien obbligat illi jaghmel skond il-Ligi.

Min-naha l-ohra izda, l-kawza tal-incident giet spartita ugwalment bejn iz-zewg sewwieqa, partikolarment minkejja li l-esponenti kien kwazi baqa' sejjer id-dinja l-ohra, it-tort tal-incident gie attribwit bhala ugwali ghal dak tas-sewwieq l-iehor Alfred Borg li baqa' hiereg minn fuq Stop Sign minghajr qatt ma waqaf.

F'dan ir-rigward, huwa applikabbli dak li rriteniet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza fil-15 ta' Jannar, 1997 qalet illi: "... f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilta' ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta' dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima u immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabblita' u mhux l-ekwita' u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta' l-istess regolamenti, li wahdu jista' jipprevjeni l-incidenti." (Ara wkoll il-kawza ***Amadeo Mea vs Carmelo Vella*** (A.C. 24 ta' Jannar 1966).

Skond paragrafu 213 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001: *F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it- triq principali".*

Illi mhux hekk biss izda minn fejn kien hiereg is-sewwieq l-iehor Alfred Borg hemm senjaletika ta' 'Stop Sign' fl-art, ovvjament ghaliex ikun hiereg go main road, flimkien ma' linja dritta oltre liem vetturi emergenti ghal fuq Triq l-iMgarr m'ghandhomx jixirfu qabel jassiguraw ruhhom li jista' jidhol fi triq principali minghajr ma jkun ta' ostakolu jew ta' perikolu ghal utenti tat-triq principali.

Fid-dottrina Ingliza[1] huma citati decizjonijiet tal-Qrati Skoccizi (Court of Session) li huma *loci classici* in materja[2] li jisiltu dawn il-principji[3]:

---

[1] The Law of Collisions on Land, Andrew Dewar Gibb, 1932 pagna 101; The Law Relating to Motor Cars, Mahaffy and Dodson, 1929 p 77; u Charlesworth The Law of Negligence, 1947, p 84-85

[2] Mc Andrew v Tillard 1909,S.C. 78; Robertson v Wilson 1912 S.C.1276; Mc Allister v Glasgow Corporation 1917 S.C. 430; M'Wair v Glasgow Corporation 1923 S.C. 397; Hutchinson v Leslie 1927 S.C. 95.

*A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there (Mc Andrew v Tillard). When coming from a side road into a main road, the driver of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety (Charlesworth)*

*It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road (Robertson v Wilson)*

*The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult that continuing a main road, the side-road's driver is higher (M'Nair v Glasgow Corporation;* u *Hutchinson v Leslie)*

U skont il-gurisprudenza Maltija, hemm prezunzjoni *iuris tantum* li s-sewwieq fit-triq principali mhux responsabbli ghall-incident. F'**Anthony Cassar vs Joel Hili** – 26.04.2006 Qorti tal-Appell (Onor. Philip Sciberras) inghad hekk: "[m]inn dawn il-principji u konsiderazzjonijiet kollha titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa' dejjem s'intendi *juris tantum* illi l-*main road user*, una volta kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta' jigi kwalifikat bhala *main road abuser*. Dan ifisser illi kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella, jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa' sostenut mill-precitata presunzjoni. Ara **Cecil Ellul vs Joseph Muscat**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999."

Kien ghalhekk jinkombi fuq is-sewwieq tal-vettura l-ohra li ma johrogx oltre l-linja indikata u ma jostakolax il-via karreggjabbli ta' vettura ta' certu daqs. Indubbjament fil-kaz taht ezami, Alfred Borg, b'mod inkonsult u traskurat, saq oltre l-linja indikata bi

[3] Kif ikkwotati fis-sentenza importanti *Il-Pulizija vs Anthony Galea, Appell Kriminali, W. Harding 5 ta' Settembru 1953 Kollezz XXXVII.iv.1137*

*Stop Sign*, billi emerga u kiser il-linja tat-traffiku tal-appellant bil-konsegwenza li kkawza l-incidenti. Illi jinghad ukoll li jidher dettaljatament car li l-istess Alfred Borg anqas biss hares lejn in-naha ta' fuq hekk kif indikat fil-video mehud mis-CCTV camera li hemm fuq il-post.

"L-obbligu tieghu kien illi jieqaf zoptu ***wara l-linja indikata ma' l-art bhala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruhu li t-triq principali kienet ghal kollox 'clear'.*" – **Aldo Cutajar -vs- Charles Magro**, Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Ottubru 2020 fejn stidnet lill-partijiet *ex ufficcio* sabiex iwigbu dwar jekk is-sentenza moghtija minn l-ewwel Qorti hiex nulla jew le stante li l-ewwel Qorti naqset li tippronunzja ruhha dwar l-akkuzi ta' sewqan perikoluz u bla kont.

Rat in-nota tal-appellant prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Ottubru, 2020 fejn jaqbel li hemm nuqqas fis-sentenza appellata stante li d-dettami tal-artikolu 382 tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ma gewx segwiti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datat 6 ta Ottubru 2020 fejn stqarr li l-akkuzi ta sewqan traskurat u sewqan perikoluz u bla kont kollettivament jiffurmaw l-ewwel imputazzjoni u ghalhekk fil-fehma tieghu l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha kjarament fir rigward fejn instabet htija u ghalhekk fil-fehma teighu is-sentenza ma hiex nulla.

Ikkunsidrat.

Jinghad li l-appellant tressaq il-Qorti akkuzat talli saq b'manjera traskurata perikolu u bla kont u talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb u bi traskruagni jew b'nuqqas ta hila jew professjoni teighu jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara involontarja fuq il-vettura numru ta' registrazzjoni DUB 100 Fiat ghad dannu ta Alfred Borg. Illi ghalhekk l-appellant kellu erbga akkuzi ghlakemm huma enumerati bhala tnejn u dan ghaliex kuntrarjament ghal dak li stqarr l-Avukat Generali fin-nota tieghu is-sewqan ta' bla kont traskurat u perikoluz huma tlett akkuzi distinti minn

xulxin fejn l-Qorti tista issib htija fil-konfront ta' wahda biss minnhom kif del resto kien dan il-kaz. Ghalhekk f' kaz li issib htija fil-konfront ta' akkuza partikolari trid imbaghad tillibera lill-istes appellant mill-kumplament tal-akkuzi.

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[4]" ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[5]" ; "**Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat**[6] " "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia** [7]", "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier** [8]"; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[9] "; "**Il-Pulizija vs. Stefan Abela** [10]" u ohrajn).

Illi gie ritenut ukoll li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ( kif ghamlet din l-istess Qorti ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[11] "; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[12] " u ohrajn).

Jinghad li hu mehtieg li fis-sentenza taghha l-Qorti tiddikjara htija ta' reati partikolari u wara tghaddi biex taghti l-piena idoenja ghal dawk ir-reati li instab hati taghhom. B'hekk il-Qorti trid tindika ir-reati li taghhom qed tinstab htija u tati l-piena ghal dawk ir-reati li taghhom instab hati wara li issemmi l-artikoli tal-ligi appositi. F'kaz li din il-Qorti mhix ser tapplika piena minkejja li ssib htija dwar xi reat u tal volta tapplika xi artikoli tal-kap 446 tal-ligijiet ta' Malta hija ghandha issemmi ir-reati li dwarhom ser tkun ser tapplika l-artikoli naxxenti mill-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta proprju ghal

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta Settmbru 2002
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l- 24 ta April 2002
[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-14 ta Settembru 2004
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta Mejju 2005
[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta Frar 2006
[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta Mejju 1994
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta Jannar 2005

dawk ir-reati billi isemmihom u tiddistingwhom mir-reati li dwarhom inghatat piena ta multa jew prigunerija .

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'** [13]fejn inghad li:

*"………Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita`sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.*

*Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill- Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skont il-ligi"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) Vs Stephen Bonsfield'** [14]gie kkunsidrat li:

*'Fil-kaz in ezami, l-Ewwel Qorti f' ebda hin ma ddikjarat espressament ta' x' hiex kienet qed issib lill-appellant hati w ghalkemm "passim" fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha graw il-fatti, b' mod li wiehed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x' hiex seta' nstab hati, dan jibqa' alkwantu incert, partikolarment meta ssir riferenza ghall- artikoli citati millQorti bhala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li taghhom suppost instab hati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Generali w huma jew inezistenti jew manifestament mhux relatati mall-kaz. Meta l-ligi isemmi li l-Qorti "ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati", dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li lQorti tkun ghaddiet in rassenja – anki b' mod ezawrjenti bhal f' dan il-kaz – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid*

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali Numru: 327/2005)

*tghid ezattament u espressament ta' liema reati sabitu hati billi tghid fil-qosor f' hix jikkonsisti r-reat li rrizulta pruvat.'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Arthur Mercieca Vs Keith Pace'** [15]gie kkunsidrat li:

*'Illi mill-atti jirrizultaw zewg imputazzjonijet migjuba fil-konfront tal-appellant u cioe' dawk tas-serq u tar-ricettazzjoni li huma alternattivi wahda ghall-ohra. Illi ghaldaqstant, meta l-Ewwel Qorti ghaddiet biex tinfliggi l-piena minghajr dikjarazzjoni dwar liema minn dawn iz-zewg reati kienet qed tinstab htija u dan iwassal ghal nullita' fis-sentenza appellata billi listess hija nieqsa minn dikjarazzjoni dwar ili fatti li dwarhom huwa qieghed jinstab hati u allura ma jirrizultax car ghal liema reat qed tirrizulta tali htija.'*

Illi f'dan il-kaz jidher li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' sewqan traskurat u talli ikkaguna hsara involontarja fu qil-bvettura tal ghamla Fiat ghad detriment ta Alfred Borg pero dwar l-akkuzi ta sewqan perikolu u bla kont ma qalet xejn minkejja li ccitat l-artikoli tal- ligi fir- rigward ta' dawn iz-zewg reati fis-entenza taghha.

Din il-Qorti tenfasizza li l-Qrati ghadhom jaderixxu ruhhom skrupolozament mad-dispost tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in-nuqqas li jsir dan qieghed iwassal ghal dewmien inutli tant li qeghdin jigu annullati numru ta' sentenzi bil-konsegwenza li numru ta' kawzi qeghdin jintbaghtu lura lil Qorti tal-Magistrati biex terga tinghata s-sentenza filwaqt li f'xi waqtiet il-Qorti tal-Appell Kriminali qieghda wara li tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid kif sejra taghmel din il-Qorti minflokk taqdi l-irwol taghha ta' Qorti ta' revizjoni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda ex officio tannulla s-sentenza appellata

[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Jannar, 2016 (Appell numru: 342/2015)

moghtija fil-konfront tal-appellat Norman Vella u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi mill-gdid il-kaz fil-mertu wara li taghti opportunita lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kaz.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur